Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 192/2013

**Classic Group Ltd (C-13841) (appellata)**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi, Kummissarju tat-Taxxi, Direttur Generali tad-Dwana (appellant), l-Avukat Generali u l-Awtorita Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

2 ta' Marzu, 2018.

1. B'rikors prezentat fl-4 ta' Lulju, 2013 l-attrici harrket lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex jaghtuha lura tlett arloggi, mhux inkluz cineg li huma mwahhlin maghhom, li dwarhom harget nota ta' qbid datata 10 ta' Mejju, 2013.

2. L-appellant kien wiegeb li fil-meritu l-allegazzjonijiet tal-appellata huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. B'sentenza preliminari tat-8 ta' Jannar, 2014 il-konvenut l-ohra gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li fil-konfront tal-appellant l-proceduri gew dikjarati li huma nulli.

4. B'sentenza tas-26 ta' Novembru, 2014 din il-qorti laqat l-appell tal-appellata u varjat is-sentenza tal-ewwel qorti u ordnat li l-kawza titkompla fil-konfront tal-appellant.

5. B'sentenza tat-13 ta' Lulju, 2016 l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-appellant u laqat it-talba tal-attrici ghar-rilaxx tat-tlett arloggi minghajr ic-cineg kif deskritti fil-fattura relattiva u oggett tan-nota ta' qbid datata 10 ta' Mejju, 2013. Fil-qosor l-ewwel qorti qalet li:

   i. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, it-tehid tac-cineg biss kienet tkun mizura iktar proporzjonata.
   ii. Ma taqbilx li l-arloggi ghandhom jigi kkunsidrati bhala oggetti projbiti gialadarba thallas id-dazju fuqhom. Inoltre, kieku l-arloggi ma kellhom cineg tal-gilda mwahhlin maghhom, ma kien ikun hemm l-ebda diffikulta biex jiddahhlu f'Malta.
   iii. Is-semplici fatt li c-cineg mhumiex in regola mar-Regolament, ma jfissirx li l-oggett jistghu jissejhu bhala oggetti projbiti ghaliex ladarba

jinhareg ic-certifikat ta' CITES, ic-cineg jistghu jigu importati liberament.

iv. L-artikolu 60(b) tal-Kap. 37 jaqa' fit-Taqsima XI tal-Att, *"Biex jinzamm il-kontrabandu…".* Il-qorti kompliet, *"Zgur li l-arloggi kienu destinati li jidhlu hawn Malta b'mod legittimu tant li anke thallset id-dwana fuqhom u li huma deskritti kemm fl-airway bill kif ukoll fl-export license li gew mghoddija lill-ufficcju tad-Dwana".*

6. B'rikors prezentat fit-2 ta' Awissu, 2016 id-Direttur Generali (Dwana) appella mis-sentenza. L-aggravji huma:

i. L-ewwel qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-provi mressqa quddiemha. Id-Dwana agixxiet fil-parametri tal-ligi. Mhijiex verosimili l-verzjoni tal-appellata li saret taf bil-wasla tal-merkanzija waqt li kienet fi triqtha lejn Malta. Irrizulta li c-certifikat ta' importazzjoni ta' CITES ma nghatax lid-Dwana qabel il-wasla tat-tlett arloggi.

ii. L-ewwel qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta dwar l-element ta' proporzjonalita ghaliex il-fatt li 'community action shall not go beyond what is necessary to achieve the objectives of the Treaty', ma jistax jigi nterpretat li persuna tista' tkun negligenti u ma tagixxix bhala *bonus pater familias* u ghan-negligenza taghha tinvoka l-element ta' proporzjonalita. L-appellata kellha tosserva l-obbligi legali u kummercjali taghha peress li jirrizulta mill-provi li l-appellanti kienet taf bil-wasla tal-merkanzija li kienet ordnata.

iii. L-appellant m'ghandux ibati spejjez.

7. Fl-24 ta' Awissu, 2016 l-appellata wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

8. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

9. L-appellata pproponiet il-kawza wara li fl-10 ta' Mejju, 2013 l-appellant hareg nota ta' qbid numru 25/2013 kontra l-appellata (fol. 8). L-oggetti milquta minn dak il-mandat huma:

*"A. One stainless steel watch on alligator strap Aqua Terra 150 Omega co-axial automatic chronometer cal white dial.*
*B. One stainless steel watch on alligator strap watch Seamaster Plante Ocean 600 Omega co-axial automatic chronometer chronograph cal black dial.*
*C. One stainless steel watch on alligator watch Speedmaster automatic chronometer chronograph cal white dial".*

Fin-nota ta' qbid hemm dikjarat li l-oggetti nqabdu minhabba *"ksur tal-artikoli 60(b) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, tal-Ligijiet ta' Malta".*

10. L-artikolu 60(b) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) kien jipprovdi:

*"jekk oggetti li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni jigu importati jew imdahhlin f'xi parti ta' Malta….*

*(b) f'kull kaz bhal dan, l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu kkonfiskati, flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom".*

11. Il-problema f'dan il-kaz kienet li l-arloggi kellhom cinga tal-alligatur, annimal protett bil-*Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Fauna and Flora*. L-appellata importat l-arloggi f'Malta, u peress li l-arloggi kellhom cinga tal-gilda tal-alligatur kienu jehtiegu permess li jinhareg mill-awtorita kompetenti f'Malta. Dan skont id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 338/97 tad-9 ta' Dicembru, 1996 *'on the protection of species of wild fauna and flora by regulating trade therein'*.

12. Fil-fattura li baghtet id-ditta estera li minghand nxtrat il-merkanzija (fol. 6), datata 28 ta' Settembru, 2012, jinghad li hemm tlett arloggi b'cinga tal-gilda tal-alligatur. Ghalhekk l-appellata kienet infurmata li f'Malta dehlin dawk l-oggetti. Stephen Fenech, direttur tal-appellata, li kien biss fl-1 ta' Ottubru, 2013 li saru jafu li l-merkanzija kienet ser tasal Malta meta rcevew telefonata minghand Lufthansa Special Cargo li kellhom *'valuable diehel'* (fol. 53). Fid-deposizzjoni ta' Stephen Fenech, spjega d-diffikulta li kien hemm biex jinhareg il-permess ta' Cites.

13. Skont artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea :

*"2. The introduction into the Community of specimens of the species listed in Annex B shall be subject to completion of the necessary checks and the prior presentation, at the border customs office at the point of introduction, of an* ***import permit issued by a management authority of the Member State of destination****".*

L-alligatur hu klassifikat f'Annex B tad-Direttiva.

14. F'dan ir-rigward l-appellata ma pprezentat l-ebda permess. Aimee Brincat[1] xehedet, *"Ghalhekk ahna tlabna biss li jigu sekwestrati l-watch straps. Dik hi gurisdizzjoni taghna. Fil-fehma taghna l-unika haga li kienet qed tikser id-disposizzjoni tal-ligi kienu c-cineg in kwistjoni. Il-watch straps kienu attacjati*

[1] Impjegata mal-Awtorita tal-Ippjanar, li hi l-awtorita responsabbli sabiex tohrog permess ta' importazzjoni fir-rigward tal-imsemmija direttiva.

*mal-arloggi"* (fol. 68). Qalet ukoll li kien fil-5 ta' Ottubru, 2012 li saret applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' importazzjoni.

15. Jirrizulta wkoll li l-merkanzija kienet esportata mill-Isvizzera, u fis-27 ta' Settembru 2012 kien inhareg permess ta' CITES sabiex il-merkanzija tkun tista' tigi esportata (fol. 92).

16. Minn dak li xehed Oliver Zammit, ufficjal tad-Dipartiment li kien involut ghar-rilaxx tal-merkanzija, hu car daqs il-kristall li f'dan il-kaz l-appellata ma pprovatx iddahhal il-merkanzija bil-mohbi. Il-merkanzija kienet fil-pussess tad-Dwana, u maghha kien hemm certifikat ta' CITES mahrug l-Isvizzera. Ix-xhud stess qal li *"Fuq l-invoice li gabli l-lavrant nghid li kien hemm indikati dawn it-tliet arloggi bic-cineg tal-alligator"* (fol. 115). Kieku kien qieghed isir xi attentat ta' kuntrabandu, l-affarijiet kienu jsiru mod iehor. L-istess xhud qal li, ***"Il-lavrant kont tlabtu biex imur ghand is-CITES u jgib it-timbru relattiv"***. Mela d-Dwana kienet giet infurmata li l-appellata ma kellix ic-permess mahrug mill-awtorita kompetenti f'Malta. Minn dak li xehed Zammit hu evidenti li f'dan ir-rigward id-Dwana ma sabet l-ebda diffikulta, tant li x-xhud xehed li qal lill-lavrant biex imur igib permess minghand CITES. Il-problema jidher li nqalghet minhabba li l-awtorita kompetenti ppretendiet li l-applikazzjoni kellha ssir qabel il-wasla tal-merkanzija f'Malta. L-istess xhud xehed, *"... l-lavrant l-ghada kien qalli illi l-ufficcju tas-CITES ma kienx lest li jtieh it-timbru ghaliex ma kinux applikaw minn qabel"*. Fil-fatt Aimee Brincat stess xehedet, *"Nispjega illi hawn Malta l-management authority hija l-MEPA u l-border inspection point huwa d-d-Dwana u ghalhekk il-MEPA ghandha taghmel il-verifiki necessarji taghha qabel ma tkun waslet il-merkanzija hawn Malta"* (fol. 81).

17. Il-permess ghandu jinhareg qabel il-wasla tal-merkanzija fl-istat membru. F'dan ir-rigward ir-Regolament 865/2006 tal-4 ta' Mejju, 2006 (*laying down detailed rules concerning the implementation of Council Regulation (EC) No 338/97 on the protection of species of wild fauna and flora by regulating trade therein*), jipprovdi fl-artikolu 13(1):

*"1. **Import permits**, export permits and re-export certificates shall, taking account of Article 8(3), be applied for in sufficient time to allow their issue **prior to the introduction of specimens into or their export or re-export from the Community**".*

18. Wiehed jista' jargumenta li 'l fatt li Fenech isostnu li gew infurmati fl-ahhar minuta li kienet ser tasal il-merkanzija u ghalhekk ma kellhomx cans li japplikaw ghal-permess relattiv, mhuwiex tort tal-awtoritajiet f'Malta u hi materja li l-appellata ghandha tindirizza lid-ditta estera li minghandha xtrat il-merkanzija. Madankollu, ir-Regolament 865/2006 jipprovdi ghall-possibilta li

dokumenti, *"exceptionally be issued retrospectively"* (artikolu 15). Ovvjament l-importatur irid jaghti spjegazzjoni lill-awtorita kompetenti. F'pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (Gunju 2017) bit-titlu Reference Guide to the European Union Wildlife Trade Regulations, jinghad:

*"It is possible that an importer receives an unexpected shipment (e.g. before the scheduled date of arrival and before he/she has been able to apply for a permit) at an EU border for which the bill of lading indicates that s/he is the consignee. In such cases, s/he must immediately inform the competent Management Authority of the relevant Member State of the arrival of the shipment. Only in such exceptional cases may a Management Authority issue the relevant documents in retrospect for species listed in Annexes A, B or C. In addition, for specimens of Annex A-listed species, the document may only be issued retrospectively if the specimens are being reintroduced into the EU (i.e. not imported for the first time) or are worked specimens that were acquired before 3 March 1947 (see Section 3.6.3)"*.

19. Mad-daqqa t'ghajn jidher li f'dan il-kaz l-appellata setghet tirrimedja ghan-nuqqas li m'applikatx ghall-permess qabel il-merkanzija waslet f'Malta. Pero' jidher li f'dan il-kaz l-management authority f'Malta hadet il-posizzjoni li ladarba l-applikazzjoni ma saritx qabel waslet il-merkanzija f'Malta, allura ma setax jinghata l-permess.

20. Ghal dak li jirrigwarda l-ordni ta' konfiska, l-artikolu 60 tal-Kap. 37 jinsab f'Taqsima XI bit-titlu, *"Biex Jinzamm il-Kontrabandu, Reati u Pieni"*. In-nota fil-gemb taqra: *"Konfiska ta' oggetti ta' kontrabandu"*. Il-qorti m'ghandix dubju li c-cineg tal-gilda jikkwalifikaw bhala oggetti li l-importazzjoni taghhom hi **limitata (*restricted*)**, u dan ghaliex b'ligi hemm bzonn il-hrug ta' permess qabel l-importazzjoni taghhom gewwa Malta. Pero' fiz-zmien li gara l-kaz, l-artikolu 60(b) kien japplika biss ghall-oggetti ***"li taghhom hija ipprojbita l-importazzjoni"***. Kien biss bl-Att XVI tal-2017 (artikolu 9) li f'paragrafu (b) tal-artikolu 60 saret emenda biex tinkludi oggetti li taghhom *"hija ….. **jew limitata l-importazzjoni jigu importati**"*.

21. Hu evidenti li f'dan il-kaz il-*competent management authority* talbet lid-Dwana sabiex ma jatix ic-cineg lill-importatur. Fil-fatt fid-dokument a fol. 10 hemm zewg timbri ta' CITES Management Authority, Environment Protection Directorate, MEPA li jaghmluha cara li m'ghandhomx jigu rilaxxati c-cineg. Aimee Brincat stess xehedet, *"Fil-fehma taghna l-unika haga li kienet qed tikser id-disposizzjoni tal-ligi kienu c-cineg in kwistjoni"* (fol. 68).

22. Il-qorti tosserva li:-

i. Ir-regolament 338/97 jaghmilha cara li s-sanzjoni li tigi applikata ghandha tkun, *'appropriate to the nature and gravity of the infringement'* (artikolu 17(2)). Dan zgur li mhuwiex rifless fl-artikolu 60 tal-Kap. 37.

ii. Mhemmx dubju li l-ikbar valur tal-oggett hu l-arlogg u mhux ic-cineg. Arloggi li mill-fattura stess jirrizulta li ghandhom valur konsiderevoli. F'dan il-kaz mhemm l-ebda indikazzjoni ta' kondotta kriminali, apparti 'l fatt li d-diretturi tal-appellata gew liberati mill-akkuzi li sarulhom taht il-Kap. 37;

iii. L-appellata ma pprovat taghmel xejn bil-mohbi. Tant hu hekk li hallsitu dak kollu li kien dovut minnha, u l-appellant accetta l-hlas. Mhemm l-ebda indizju li kien hemm xi *mala fede* min-naha tad-diretturi tal-appellata. Kienet ghalhekk flokha l-osservazzjoni tal-ewwel qorti li, *"Zgur li l-arloggi kienu destinati li jidhlu hawn Malta b'mod legittimu tant li anke thallset id-Dwana fuqhom u li huma deskritti kemm fl-airwaybill kif ukoll fl-export license li gew mghoddija lill-ufficcju tad-Dwana".* L-appellant argumenta li l-appellata kienet taf minn qabel li l-merkanzija ser tasal Malta u seta' jsiru l-proceduri li kien hemm bzonn biex jinhareg il-permess mill-awtorita kompetenti dwar ic-cineg tal-gilda. Il-qorti qrat kemm-il darba dak li xehed Stephen Fenech, u hi tal-fehma li mhemm l-ebda raguni ghalfejn ma kellux jitwemmen. L-invoice hu datat 28 ta' Settembru, 2012 u mhemmx provi li jikkontradicu dak li xehed Stephen Fenech. Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx kaz ta' negligenza jew nuqqas li wiehed jipprocedi bhala *bonus pater familias*. Il-qorti m'ghandix ghalfejn ma temminx li l-appellata ma kinitx f'posizzjoni li tottjeni l-permess ta' CITES qabel il-merkanzija waslet Malta, u dan ghaliex kien dakinhar li waslet il-merkanzija f'Malta li saret taf li l-merkanzija tinkludi tlett arloggi li kellhom cinga tal-gilda tal-alligatur;

iv. Dan mhuwiex kaz fejn il-konfiska tal-arloggi hi mehtiega minhabba li huma provenjenti minn xi attivita illegali, f'liema eventwalita' l-ligi tizgura li l-oggetti ma jibqghux fil-pussess ta' min ghamel il-hazin. Ma tirrizulta l-ebda intenzjoni kriminali min-naha tal-appellata.

v. Il-*competent management authority* qatt ma talbet li jigu konfiskati l-arloggi, izda biss li jinzammu c-cineg.

vi. Ir-regolament stess jikkontempla ghall-hrug ta' *'retrospective issue of certain documents'* (artikolu 15);

vii. Fin-nota ta' qbid gie ddikjarat li r-raguni ghalfejn l-oggetti nqabdu kienet minhabba *"Importazzjoni ta' oggetti pprojbiti"* (fol. 8). Il-qorti ma taqbilx li l-oggetti huma pprojbiti. Bil-kliem *"oggetti li taghhom hija pprojbita .... l-importazzjoni"*, il-qorti tifhem li huma oggetti li ma jistghux jigu mportati **taht l-ebda cirkostanzi**. Ezempju oggetti foloz (*counterfeited*). Tant hu hekk li l-legislatur hass il-htiega li jemenda l-ligi, u bl-Att numru XVI tal-2017 zied oggetti li l-importazzjoni taghhom f'Malta hi **limitata** (*restricted*). Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-ligi kif kienet meta nharget in-nota ta' qbid. Fil-kaz in ezami c-cineg ma kinux projbiti mill-importazzjoni f'Malta. Sabiex jigu mportati f'Malta kien hemm bzonn ta' permess ta' importazzjoni li jinhareg mill-*management authority* lokali. Ladarba fiz-zmien rilevanti l-importazzjoni ta' dawk l-oggetti ma kienx projbit, paragrafu (b) ma kienx japplika ghall-kaz in ezami. Ghalhekk il-qorti taqbel perfettament mal-posizzjoni li hadet l-ewwel qorti li l-artikolu 60(b), *"... japplika biss ghal merkanzija li hi pprojbita fiha nnifisha u mhux li tkun tiddependi fuq fatturi estranji bhal f'dan il-kaz ic-certifikat tas-CITES"*.

viii. Oliver Zammit stess xehed li kien ircieva l-hlas tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq l-arloggi in kwistjoni. Jekk l-oggett kien projbit milli jidhol Malta, il-qorti tifhem li l-ufficjal tad-Dwana kien mill-ewwel jaqbdu u mhux jibghat lill-importatur l-ufficcju ta' Cites biex *".... imur ghand ic-CITES u jgib it-timbru relattiv"* (fol. 115);

ix. Id-dhul ta' *specimens* f'Malta li jaqghu taht ir-Regolament 338/97 hu regolat mil-Legislazzjoni Sussidjarja 548.38 (*Regolament dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora*). Dik il-ligi tikkontempla ghal reati, fosthom dak ghall-importazzjoni ta' *specimen* minghajr permess ta' importazzjoni, u min jinstab hati li jaghmel reat kontra r-regolament jehel multa ta' €465.87 u mhux izjed minn €4,658.75 jew prigunerija ghal xahar jew sa massimu ta' sentejn, jew il-multa u prigunerija flimkien. Hi l-qorti li ghandha tiddeciedi xi jsir fir-rigward tal-ezemplari (regolament 8(7)), u *"li hija tqis opportuni rigward iz-zamma, l-esportazzjoni mill-gdid jew is-sopressjoni ta' kull ezemplari"*. Hu ghalhekk evidenti li l-konfiska mhijiex awtomatika. F'dan il-kaz ma jirrizultax li ttiehdu proceduri kriminali kontra d-diretturi tal-appellata fit-temini ta' din il-Legislazzjoni Sussidjarja.

x. Hu principju tal-ligi komunitarja li, *"67. Subject to those observations, it must be borne in mind that, in the absence of harmonisation of the Community legislation in the field of the penalties applicable where conditions laid down by arrangements under such legislation are not observed, the Member States are empowered to choose the penalties which seem appropriate to them.* ***They must, however, exercise***

***that power in accordance with Community law and its general principles, and consequently with the principle of proportionality*** *(see, in particular, Case C-210/91 Commission v Greece, cited above, paragraph 19, and the case-law cited therein; Case C-36/94 Siesse [1995] ECR I-3573, paragraph 21; and Case C-213/99 De Andrade [2000] ECR I-11083, paragraph 20).* ***The administrative measures or penalties must not go beyond what is strictly necessary for the objectives pursued and a penalty must not be so disproportionate to the gravity of the infringement that it becomes an obstacle to the freedoms enshrined in the Treaty*** *(see, to that effect, Case C-210/91 Commission v Greece, cited above, paragraph 20)"* (sentenza fil-kaz **Louloudakis vs Dimosio**, C-262/99 tat-12 ta' Lulju, 2001). Rilevanti wkoll hi s-sentenza **AGOSi v l-Ingilterra** tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fejn f'paragrafu 54 qalet: *"It is to be observed that although there is a trend in the practice of the Contracting States that the behaviour of the owner of the goods and in particular the use of due care on his part should be taken into account in deciding whether or not to restore smuggled goods - assuming that the goods are not dangerous - different standards are applied and no common practice can be said to exist.* ***For forfeiture to be justified under the terms of the second paragraph of Article 1****, it is enough that the explicit requirements of this paragraph are met and that* ***the State has struck a fair balance between the interests of the State and those of the individual. The striking of a fair balance depends on many factors and the behaviour of the owner of the property, including the degree of fault or care which he has displayed, is one element of the entirety of circumstances which should be taken into account****"*. Ghandha ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet li jkunu differenti minn xulxin, fejn jtiqes per ezempju l-atteggament tal-persuna kkoncernata, it-tip ta' zball li jkun sar (zball genwin, negligenza grossolana jew mod iehor). Fin-nuqqas, il-principju ta' proporzjonalita jigi skartat ghal kollox. Meta tqis ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konfiska tal-arloggi tmur lil hinn mill-gravita tan-nuqqas tal-appellata, u l-konfiska tac-cineg tal-arloggi kien altru milli bizzejjed. Dan ma kienx il-kaz fejn in-negozjant importa f'Malta frawdolentement oggetti bil-ghan li jwettaq kontrabandu, fejn ir-ragunament kien ikun ghal kollox differenti.

23. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ghandha tilqa' l-appell. Ovvjament dwar it-tielet aggravju mhemmx x'jinghad gialadarba jfallu l-ewwel zewg aggravji.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.